



Dokument ta' sessjoni

B9-0242/2023 }
B9-0243/2023 }
B9-0244/2023 }
B9-0245/2023 }
B9-0248/2023 } RC1

10.5.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0242/2023 (Verts/ALE)

B9-0243/2023 (S&D)

B9-0244/2023 (Renew)

B9-0245/2023 (PPE)

B9-0248/2023 (ECR)

dwar il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni fl-Alġerija – il-każ tal-
ġurnalista Ihsane El-Kadi
(2023/2661(RSP))

**Željana Zovko, Christian Sagartz, Ivan Štefanec, David Lega, Peter
Pollák, Michaela Šojdrová, Vladimír Bilčík, Tomáš Zdechovský, Antonio
López-Istúriz White, Seán Kelly, Inese Vaidere**

f'isem il-Grupp PPE

Pedro Marques, Matjaž Nemec, Margarida Marques

f'isem il-Grupp S&D

Georgios Kyrtsov, Nicola Beer, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Bernard

RC\1278683MT.docx

PE748.670v01-00 }

PE748.671v01-00 }

PE748.672v01-00 }

PE748.673v01-00 }

PE748.676v01-00 } RC1

**Guetta, Svenja Hahn, Ilhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Urmas Paet,
Dragoş Pîslaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal
Šimečka, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**

f' isem il-Grupp Renew

Jordi Solé

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Anna Fotyga, Karol Karski, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki,

Anna Zalewska, Joachim Stanisław Brudziński, Witold Jan

Waszczykowski, Assita Kanko, Waldemar Tomaszewski, Eugen Jurzyca,

Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Elżbieta Kruk, Adam Bielan

f' isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni fl-Alġerija – il-każ tal-ġurnalist Ihsane El-Kadi (2023/2661(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi Ihsane El-Kadi, ġurnalist prominenti Alġerin u maniġer ta' Interface Médias, waħda mill-aħħar intrapriżi tal-media indipendenti fl-Alġerija, li tinkludi l-mezzi ta' komunikazzjoni online Radio M u Maghreb Emergent, ġie arrestat mingħajr mandat fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Diċembru 2022;
- B. billi fit-2 ta' April 2023 qorti Alġerina kkundannat lil El-Kadi għal ħames snin ħabs, li minnhom tnejn ġew sospiżi, multa ta' 700 miljun dinar Alġerin, ix-xoljiment tal-kumpanija tal-media tiegħu u l-konfiska tal-assi tagħha wara l-kundanna tiegħu fuq akkużi infondati li “rċieva fondi għal propaganda politika” u li “għamel ħsara lis-sigurtà tal-istat” skont l-Artikoli 95 u 95bis tal-Kodiċi Penali tal-Alġerija; billi s-seduta dwar l-appell tiegħu se ssir fit-tieni nofs ta' Mejju 2023;
- C. billi mill-protesti tal-moviment Hirak tal-2019, l-awtoritajiet tal-Alġerija rażżnu b'mod sostanzjali l-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni; billi l-Alġerija tinsab fil-136 post minn 180 fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2023 ta' Reporters Mingħajr Fruntieri, filwaqt li kienet tinsab fil-146 post fl-2020; billi mill-2019 mill-inqas 11-il ġurnalist u ħaddiem tal-media oħra ttellgħu l-qorti u ġew detenuti, inkluż Mustapha Bendjama; billi l-awtoritajiet tal-Alġerija żiedu l-imblukkar ta' siti tal-aħbarijiet u pubblikazzjonijiet li jikkritikaw lill-gvern;
- 1. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Alġerija jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil Ihsane El-Kadi u lil dawk kollha detenuti u akkużati arbitrarjament talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni;
- 2. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Alġerija jirrispettaw u jiddefendu l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-media, kif minquxa fl-Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni tal-Alġerija, jerġgħu jiftħu l-istabbilimenti tal-media li ngħalqu u jwaqqfu l-arrest u d-detenzjoni ta' attivisti politiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u sindakalisti; jesprimi solidarjetà maċ-ċittadini Alġerini li ilhom jipprotestaw b'mod paċifiku mill-2019;
- 3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Alġerija jemendaw il-klawżoli relatati mas-sigurtà tal-Kodiċi Penali li jintużaw biex jikkriminalizzaw il-libertà tal-espressjoni, inklużi l-Artikoli 95bis u 196bis, u jallinjaw il-liġijiet li jillimitaw il-libertà tal-espressjoni mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li l-Alġerija rratifikat;
- 4. Ifakkar, kif miftiehem b'mod konġunt fil-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Alġerija, fl-importanza ta' stampa pluralista biex jiġu kkonsolidati l-istat tad-dritt u l-libertajiet

fundamentali, inklużi l-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni;

5. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jqajmu l-każ ta' El-Kadi mal-awtoritajiet tal-Alġerija u jikkundannaw apertament ir-repressjoni tal-libertà tal-media; jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jħeġġu lill-awtoritajiet tal-Alġerija biex jggarantixxu li l-ġurnalisti barranin jingħataw viżi u akkreditazzjoni mingħajr dewmien żejjed u jkunu liberi li joperaw;
6. Jistieden lid-delegazzjoni tal-UE u lill-ambaxxati tal-Istati Membri fl-Alġerija jitolbu aċċess għall-ġurnalisti inkarċerati u josservaw il-proċessi tagħhom;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Alġerija, u jitlob li tiġi tradotta bl-Għarbi.